Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 20 – It-Tlieta, 24 ta' Settembru, 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-4.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 19, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - 28 t'Awwissu – Is-Sindku attenda laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi rigward is-servizz tal-Arriva fir-raħal. Is-Sindku qal li jidher li l-Ministeru responsabbli mit-Transport se jaċċetta t-talba tal-Kunsill fuq ir-rotta ta' Triq il-Ġnien, iżda dan it-tibdil mhux se jsir f'Ottubru.
   - 28 t'Awwissu – ittella' Għajnsielem Fest fi Triq J.F. de Chambray li kien suċċess kbir u ntlaqa' ferm mal-pubbliku.
   - 28 t'Awwissu – saret laqgħa informali fis-Sala tal-Kunsill mad-delagazzjoni minn Tolfa.

- 3 ta' Settembru – is-Sindku ġie mistieden biex jattendi l-MEPA fejn ingħata ċ-ċekk ta' €2,000 wara li l-applikazzjoni għall-*Car free Day* ġiet aċċettata.
- 7-9 ta' Settembru – żjara f'Bologna, fejn attendew is-Sindku, SE u l-konsulenta Krista Farrrugia, fuq il-proġett tal-GreenInfranet. F'din iż-żjara kien hemm ukoll il-*partners* mill-Bulgarija. Il-programm kien wieħed jismu 'The Conca Project' fejn sar xogħol fuq wieħed mill-akbar widien f'Rimini. L-iskop ta' din l-*study visit* hu biex il-Kunsill jimxi fuq l-istess passi ta' dan il-proġett pero fuq skala iżgħar. Il-konsulenta għandha tibgħat rapport ta' din l-*study visit* f' Bologna lill-Kunsill, fejn wara s-SE tgħaddih lill-*lead partners* tal-GreenInfranet.
- 10 ta' Settembru – saret laqgħa mal-għaqdiet tar-raħal biex issir koordinament għall-attività tal-*Car Free Day.*
- 13 ta' Settembru – saret laqgħa mal-Ministru Anton Refalo mal-Kunsill fil-Ministeru għal Għawdex fejn saret diskussjoni fuq il-proġett ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Għal din il-laqgħa ġiet mistidna wkoll il-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem, fejn attenda Kevin Cauchi. Is-Sinjuri Joe Mifsud u Frankie Psalia kienu preżenti wkoll minn naħa tal-Ministeru. F'din il-laqgħa l-Ministru enfażizza li Bethlehem f' Għajnsielem għandu jsir u qal li hu kien ser jagħti l-appoġġ kollu li hemm bżonn minn naħa tal-Ministeru.
- 16 ta' Settembru – saret laqgħa oħra mal-għaqdiet tar-raħal bis-suġġett tal-*Car Free Day* u eżatt wara saret laqgħa mal-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem. Waqt din il-laqgħa, l-Fondazzjoni ddeċidiet li l-membri ta' din il-Fondazzjoni jiltaqgħu fis-17 ta' Settembru sabiex isir xoljiment ta' dan il-Kumitat.
- 22 ta' Settembru – Car free Day – kienet attività ta' suċċess fejn ġie mgħoti lill-Kunsill ir-rekord nazzjonali tal-itwal ħabel tal-inxir, li laħħaq il-1.179km.
- 22 ta' Settembru – saret laqgħa mal-Ministru Anton Refalo u l-Kunsill fil-Każin tal-Banda bis-suġġett Bethlehem f'Għajnsielem. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna wkoll il-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem, li attenda Kevin Cauchi. Waqt il-laqgħa ġie deċiż li l-Kunsill ilaqqa' laqgħa mal-għaqdiet kollha tar-raħal nhar it-Tleta, 24 ta' Settembru fit-8pm, fis-sala tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa ser jattendi ukoll il-Ministru.
- TM – approvat il-Pjanta tar-*road markings* fil-Pjazza Madonna ta' Loreto, u Triq Dun Ġużepp Galea b' emendi fil-pjanta mill-Perita ta' TM, Sra Audrey Testaferrata.
- Korrispondenza mill-GO Plc fejn tgħid li t-*telephone box* fit-Triq J.F. de Chambray, ħdejn il-Każin tal-Football, ma tistax tinqala peress li hi protetta mill-MEPA .
- Sar komunikazzjoni mill-Go Plc mas-Sindku biex jeħlu xi *repeaters* fir-raħal biex ikun hemm aktar *reception* tal-*Internet.* Għandna nirċievu t-talba bil-

miktub mingħand l-enġinier tal-Go Plc. Dawn ser isiru: fi Triq J.F. de Chambray, Triq Bengħażi u fit-Triq il-Ħamri fejn hemm it-*telephone box*. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni.

- Saret talba minn TM biex il-Kunsill jagħti l-kummenti biex issir *communal parking* għall-*blue sticker holders* fil-Port tal-Mġarr. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.
- Offerta mill-programm Xarabank fejn qed joffru l-għajnuna għar-reklamar tal-attivitajiet tal-Kunsill – Il-Kunsill se jżomm din l-offerta għal użu fil-futur.
- Devoluzzjoni tax-xelter mill-GPD – talbu għal-*survey* tax-xelter u l-Kunsill qabel li jitlob għad-devoluzzjoni tax-Xelter biex tiżdied mad-devoluzzjoni tal-Għajn. Il-Kunsill qabel li jitqabbad Eddie Mercieca biex jagħmel dan is-*survey.*
- Memo Skema tal-Influenza offruta lir-residenti 'l fuq minn 55 sena – joħroġ avviż fuq il-Bullettin. Il-Kunsill qabel li jitqabbdu ż-żewġ tobba tas-soltu.
- Ittra mis-Sur Philip Vella, li hu mpjegat mid-Dipartiment tal-*Project and Development* fil-qasam tal-Agrikultura, fil-MGOŻ, fejn qed jitlob li jiġi misluf lill-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir dan, iżda qabel jikkommeti ruħu qabbad lis-SE titlob l-approvazzjoni lid-Direttur Portelli, u jiġu ċċarati aktar dettalji ta' x'inhuma r-responsabilitajiet u d-dmirijiet tal-Kunsill fost oħrajn.
- Is-SE issuġġeriet li peress li l-*istore* tal-Kunsill hu għoli ħafna, għanda ssir tisqifa bl-injam biex ikunu jistgħu jiġu merfugħa aktar affarijiet u b'hekk ikun hemm iżjed fl-*istore*. Qalet ukoll li hemm bżonn sellum twil għal użu tal-ħaddiema u jsir taraġ tal-ħadid, speċi ta' sellum, biex joffri aċċess għal fuq il-bejt fejn hemm il-pannelli. Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet.

## 4. Ħruġ t'Offerti: Tiżjin tad-dawl fit-toroq għal-Milied u *Life Streaming Camera*

Is-SE informat lill-preżenti li hemm bżonn li jinħarġu l-avviżi għall-offerti tas-suġġetti msemmiha. Il-Kunsill kien irċieva wkoll mid-Dipartiment l-approvazzjoni tal-fondi biex tiġi nstallata il-*life streaming camera.* Il-Kunsill approva biex joħorġu dawn iż-żewġ offerti.

## 5. Programm għal-ġimgħa t'Għajnsielem

Is-Sindku qal li hemm bżonn li nibdew nippreparaw biex jitfassal il-programm għal-ġimgħa ta' Għajnsielem u naħsbu wkoll f'persuna biex tingħata il-Ġieħ Għajnsielem. Larry qal li tagħmel ħafna differenza jekk isirx Bethlehem

f'Għajnsielem, iżda din tista tiġi deċiża aktar 'l quddiem. Il-Kunsill qabel li waqt il-ġimgħa t'Għajnsielem isir il-ftuħ uffiċjali tal-Għajn jekk hu possibli, u isiru ż-żjajjar lill-anzjani, fejn din is-sena l-Kunsill iddeċieda li kull kunsillier joħroġ €25 biex jingħata *cake* lil kull anżjan. Isir kunċert mill-Banda San Ġużepp għal ftuħ tal-Għajn u jkun hemm ukoll *re-inactment* taż-żmien meta kienet tintuża l-Għajn tal-Hasselin.

6. **Żviluppi f ' Bethlehem f'Għajnsielem**

Wara ż-żjara mal-Ministru l-Kunsill jixtieq li jsir Bethlehem f'Għajnsielem. Għalkemm fil-*budget* 2013 ma kienx proġettat li jsir dan il-proġett, il-Kunsill xorta qabel li jagħmel *budget* ta' madwar €5,000-6,000 biex jintefqu fuq materjal li hemm bżonn għal Bethlehem f'Għajnsielem 2013-2014. Dan dejjem jekk waqt il-laqgħa mal-għaqdiet u mal-Ministru għal Għawdex (li se ssir eżatt wara din il-laqgħa) ikun hemm qbil li Bethlehem f'Għajnsielem isir.

Il-Kunsill jixtieq li jitwaqqaf Kumitat Organizzattiv li jkun immexxi mill-Kunsill kollu, u persuna jew tnejn minn kull għaqda biex jieħu ħsieb Bethlehem f'Għajnsielem 2013-2014. Il-Kunsill qabel li Franco jkun il-persuna responsabli mill-bini ta' dan il-proġett. Il-Kunsill se jitlob lill-Ministru biex jieħu ħsieb li jsir ix-xogħol mill-kuntratturi għas-spejjeż tal-Ministru, eżempju l-bini tal-għar u s-suq bil-ġebel u kull tħaffir bil-gaffa li hemm bżonn.

Peter staqsa li hux se jkun il-Kunsill responsabbli minn dan il-proġett bħas-snin l-imgħoddija. Larry qal li għalhekk importanti li l-Kumitat Organizzattiv jkun f'idejn il-Kunsill u ċ-*chairman* għandu jkun is-Sindku.

7. **Proposti għar-reviżjoni tal-Pjanijiet Lokali**

Is-SE bagħtet il-minuti lil kull kunsillier mibgħuta mill-MEPA tal-laqgħa fuq il-Pjan Lokali l-ġdid li kienet saret mas-Sindku u s-SE. Tul il-laqgħa saret diskussjoni fuq dawn il-minuti bejn il-preżenti. Ġie deċiż li jintbagħtu dawn il-punti lill-MEPA:

- Suġġeriment mill-MEPA biex issir esproprjazzjoni tal-art fejn hemm it-tempji, u biex il-Kunsill iqabbad storiku biex jagħmel studju fuq dawn it-tempji. Il-Kunsill qabel biex issir *expression of interest* biex isir studju fuq dawn it-tempji.

- Jiġi mmarkat fuq l-pjanti lokali l-aċċess mill-passaġġ minn Triq Zewwieqa għal fuq is-sies quddiem ex-*Mġarr Hotel.*

**8. Customare Care**

*Double yellow lines* fit-Triq Malta – issir diskussjoni mal-persuna li għamlet it-talba biex jiġu ċċarati xi punti li ssemmew fl-ittra tiegħu.

**9. Materji Oħra**

Stephen Mercieca

- Talba għal *wheelchair access* fit-Triq il-Ġnien, quddiem ir-residenza ta' Loreta Zerafa u jsir bil-konkos is-sqaq fejn joqgħod Wistin Sciberras fi Triq Bengħażi.
- Titranġa katusa tal-ilma quddiem id-dar ta' John Demanuele.

Peter Caruana

- Isiru żewġ bollards u żewġ bankijiet fit-Triq iż-Żewwieqa, fejn kien hemm il-karozza mercedes li tneħħiet.
- Bozza fit-taraġ ta' Lourdes – maħruqa
- Niċċekkjaw jekk Wied Biljun hux privat jew publiku.

Francis Cauchi

- Tqaċċtet ħarruba fit-Triq Hamri – nitolbu permess mill-MEPA biex jitneħħew il-friegħi li huma ta' periklu fit-triq.
- Talba għall-bozza fis-sqaq fit-Triq Hamri, mar-residenza ta' Paul Debattista – il-Kunsill approva din it-talba peress li l-isqaq hu pubbliku.
- Katusa tal-ilma tar-residenza tas-Sur John Demanuele biex tgħaddi minn taħt il-bankina – approvata.

Larry Buttiġieġ

- Talba biex issir laqgħa mall-uffiċjali tac-CMU fuq Triq il-Provigarju.
- Tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Direttur Portelli għall-għajnuna li ta d-Dipartiment tiegħu fit-tindif tal-bajja tax-Xatt l-Aħmar.

Franco Ciangura

- Issuġerixxa li tiżdied €100 mal €400 li l-Kunsill għandu jagħti lill-għaqda tal-armar biex ikopru għall-ispejjeż tal-ħabel u l-użu tal-*forklift* għal-attività tal-*car free day*.
- Railing fit-Triq Wied ir-Rajjes, mal ġemb tal-post tas-Sur John Zerafa.
- Korsijiet tal-kompjuter lill-persuni 'l fuq minn 65 sena – avviż fuq il-Bullettin fejn il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm numbru tajjeb, jofri t-transport għal-post tat-tgħalim.
- *Car free day* – kienet ta' suċċess. Jinħareġ avviż ta' ringrazzjamnet lil min ta sehem u ninformaw li l-ħwejjeg li nġabru se jmorru għall-karità. Hu kompla jgħid li kienet tkun idea sabiħa kieku min ħa sehem jingħata ċertifikat.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 30 t'Ottubru, fis-3.00pm is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-7.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv